**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Kump.754/00</u>***

***Pulizija***

***Sp. Louise Vella***

***v***

***Joseph Bugeja***

Illum ….. ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Joseph Bugeja huma bazati fuq ir-reati kontemplati fl-Artikoli 7, 8 u 10 tal-Kap.63 li jirrigwardaw qligh mill-prostituzzjoni u gestjoni ta' post ghal dan l-iskop; kif ukoll reati ta' natura kontravvenzjonali kontemplati fl-Artikoli 181 u 182 tal-KaP.10 li jirrigwardaw l-esercizju ta' attivita' kummerjali minghajr id-debita licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

***<u>Kwadru tal-fatti</u>***

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta li matul it-tlett gimghat mis-6 ta' Novembru 2000 l-imputat, li f' dak iz-zmien kien jamministra l-lukanda bl-isem *'Soleado'* li kienet ghandu b' titolu ta' lokazzjoni, kien akkomoda seba tfajliet ta' nazzjonalita' russa bi skop ta' prostituzzjoni. Dawn it-tfajliet, li kienu kollha maggjorenni, kienu gew Malta sabiex jsibu x-xoghol u kienu ftehmu mal-imputat li dana jipprovdilhom l-akkomodazzjoni u l-ikel, u huma minn naha taghhom kienu jaghatuh nofs il-qligh taghhom. Dan kien isir fuq **bazi volontarju da parti tat-tfajliet**, fil-fatt mill-provi rrizulta li dawn ma gewx Malta

kollha f' daqqa izda gradatament u b' kommunikazzjoni ma' xulxin. Kien hemm min gie fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru, ohrajn gew f' nofs Ottubru, u kien hemm minn kien ilu Malta ftit granet biss, qabel ma intervjeniet il-pulizija. Dawn il-fatti rrizultaw ampjament mill-provi, b' mod partikolari mix-xhieda tal-istess tfajliet.

Illi rrizulta wkoll li l-lukanda ma kienitx mikrija lill-imputat ghal dak l-iskop, u ghalhekk bl-attivita' kriminuza tieghu l-imputat kiser il-kondizzjonijiet tal-kirja, kif ukoll kiser il-kondizzjonijiet tal-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jopera l-post bhala lukanda. Konsegwenza ta' dan l-licenzja tal-imputat giet irtirata, u dana tilef ukoll id-dritt ghall-uzu tal-lukanda, nonostante li fil-post kien recentement ghamel *'refurbishment'* u nefaq somma kbira ta' flus.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi l-Qorti tosserva li l-imsemmija fatti rrizultaw sodisfacentement provati mill-provi prodotti. Fl-imsemmi kwadru tal-fatti jikkonfiguraw ir-reati kollha addebitati lill-imputat fl-akkuzi.

***Piena***

In propsotiu ghall-piena l-Qorti tosserva li l-azzjoni kriminuza in disamina timmerita piena karcerarja; izda rifferibbilment ghall-*quantum* tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. Il-**fedina penali** relattivament nadifa tal-imputat;

2. Iz-**zmien qasir** li fih giet esercitata l-attivita' kriminali in disamina;

3. Il-fatt li l-**licenzja tal-imputat giet irtirata** mill-Kummissarju tal-Pulizija, bir-rizultat li l-imputat tilef il-jedd li kellu li jiggestixxi l-lukanda. Konsegwenza ta' dan illum safa' **disokkupat**;

4. Il-fatt provat li l-imputat kien nefaq somma ta' flus sabiex jghamel *refurbishment* fil-lukanda, mill-liema somma **LM6,000 ghadhom dovut mill-imputat** lill-kredituri

tieghu;  u dan apparti kontijiet ohra konnessi mal-operat tal-lukanda u li ghandhom pendenti.

Illi tenut kont tal-imsemmija fatturi li rrizultaw mill-provi, il-Qorti thoss li **l-imputat diga' sofra telf materjali sostanzjali rizultat tal-attivita' kriminali** tieghu, u dana fil-fehma tal-Qorti,  fic-cirkostanzi li issa sab ruhu fihom l-imputat,  jikkostitwixxi fih in-nifsu deterrent adegwat.  Ghaldaqstant, in vista ta' dan il-konsiderazzjonijiet il-Qorti thoss li li f' dan il-kaz ikun xieraq li tapplika fil-konfront tal-imputat l-Artikolu 28A tal-Kap.9

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u, wara li rat l-artikolu 17 tal-Kap.9 u l-artikoli 7, 8 u 10 tal-Kap.63 u l-Artikoli 181(1) u 182 (1) tal-Kap.10, tikkundannah ***ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ghoxrin xahar sospizi ghal tnax il-xahar*** a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kap.9 li s-sinifikat u l-import tieghu gie spjegat lill-imputat f' termini cari minn din il-Qorti.

Illi in fine l-Qorti ***tikkonferma r-revoka tal-licenzja u kull licenzja ohra*** li l-imputat kellu fuq il-lukanda *'Soleado'* ai termini tal-artikolu 14 tal-Kap.63

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***